// Is-Sliem
Jannar 2011 Nru. 256

**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**
Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali: "Villa San Filep", Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307

*Messaġġ tal-Arċipriet:*

# 100 SENA TA' TAGĦLIM

Il-Parroċċa tagħna taqta' frott il-barka ta' 100 sena ta' tagħlim nisrani bla waqfien. Grazzja kbira minn Alla, li tnissel fina gratitudni liema bħalha! F'isem dawk kollha li bbenefikaw minn dan it-tagħlim mgħoddi lilna minn membri ddedikati tal-Mużew, nixtieq intenni l-ħajr kbir tiegħi għall-ħidma li saret matul dawn is-snin u li għadha għaddejja sal-ġurnata tal-lum, minn nies li kienu u huma lesti li joffru ħajjithom biex, imdawlin mill-Fundatur tagħhom San Ġorġ Preca, it-tagħlim nisrani jibqa' jitwassal, bil-kelma u bl-eżempju tagħhom, lit-tfal, liż-żgħażagħ u 'l-adulti tagħna.

F'kull okkażjoni ta' ċelebrazzjoni ta' xi ċentinarju, inħarsu lura u nirringrazzjaw lil Alla ta' dak kollu li jkun sar, filwaqt li nħarsu 'l quddiem, b'aktar ħeġġa u rieda tajba għal dak li ġej. B'għan ħerqan li nkattru u ntejbu l-ħidma siewja tagħna.



Filwaqt li ntenni l-apprezzament tiegħi u tal-parroċċatagħna f'Ħaż-Żebbuġ għall-ġid kbir spiritwali u materjali li ħareġ minn din is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (il-M.U.S.E.U.M.), nawguralha aktar ħidma fejjieda, li ttul u ttul, b'risq il-ġenerazzjonijiet li ġejjin!

Il-Mulej ibierkek.

**Fr. Daniel Cardona,**
**Arċipriet.**

## QUDDIESA
## 100 Sena tal-MUSEUM f'Ħaż-Żebbuġ

Fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-bidu tas-Soċjetà tal-MUSEUM Subien f'Ħaż-Żebbuġ, is-Superjur u l-Membri jistiednu lill-Komunità Parrokkjali għal Quddiesa ta' Radd il-Ħajr, nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Frar 2011, fis-6.30 p.m., fil-Knisja Arċipretali ta' San Filep.

## IKOMPLU Ż-ŻJAJJAR
**(U TBERIK)**
**LILL-FAMILJI.**
**(Ara PAĠNA 4, l-aħħar paġna)**

## ALLA fil-Qawl Malti

IL-QAWL: **Alla l-ewwel ma ħalaq leħitu.**

IT-TIFSIRA: Ħafna nies jaħsbu fihom infushom l-ewwel. Aktarx li kulħadd ifittex l-interessi tiegħu qabel kollox.

# IT-TAGĦLIM TAL-ĦAJJA

**– kitba ta' EMMANUEL CURMI, is-Superjur tar-reġjun ta' Malta.**

Elfejn sena ilu seħħet l-ikbar ġrajja fl-istorja tad-dinja. Mhix ser tirrepeti ruħha. Alla bagħat lil IbnU, Alla wkoll, jgħammar fostna l-bnedmin. BagħtU għax iħobbna u biex il-bnedmin jemmnu fiH. "Iva, Alla hekk ħabb id-dinja, li ta l-Iben tiegħu waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem; … biex id-dinja ssalva bih" (Ġw. 3, 16).



Temmen fl-Iben ta' Alla jfisser, l-ewwel nett, tisimgħU. Alla l-Missier iridna ħafna li nisimgħu lil IbnU Ġesù. Jgħidilna: "Dan hu Ibni l-maħbub, li bih nitgħaxxaq; lilu isimgħu" (Mt. 17, 5). Mas-smigħ, hemm ukoll l-ubbidjenza. Bilfors. Ħafna drabi, bil-Malti, meta ngħidu "tisma' minni", inkunu nfissru "tobdini". Fi kliem ieħor, meta Alla l-Missier jgħidilna nisimgħu lil IbnU, Huwa jkun qiegħed jitlobna biex nobdu kliemU u nimitawH f'għemilU.

Ftit snin wara li Ġesù nqatel fuq salib, dawk in-nies li ħadu d-deċiżjoni li jimxu fuq kliemU u għemilU, ingħataw l-isem, jew forsi aħjar, il-laqam ta' *Christianoi*, kelma Griega li nistgħu nittraduċuha f'"in-nies ta' Kristu". Kien isem jew laqam li wera tassew x'għandhom ikunu d-dixxipli ta' Ġesù, jiġifieri nies li jagħtu kas kliemU u għemilU, u jgħixuhom.

Għalhekk ma tistax tqis lilek innifsek wieħed mill-*Christianoi* jew mill-insara jekk apposta titfa' kliem Ġesù taħt saqajk. Trid tistinka biex tobdi lill-Imgħallem Ġesù f'kollox, u mhux f'ħaġa iva (għax togħġbok) u f'oħra le (għax ma tniżżilhiex)! Inkella tkun bħal dawk li, minkejja li Ġesù ġie fosthom, ma laqgħuHx u forsi lanqas għarfuH. Li timxi wara l-Imgħallem, tfisser tagħmel ir-rieda tiegħU.

Min jemmen f'Ġesù u sintendi jgħix skont kliemU u għemilU, jakkwista gwadann kbir. Isir bniedem kif suppost ikunu

ikompli f'paġna 3


**Josef Felice**
**(Tal-Bonċ)**
**Servizz tal-Funerali**
**24 Siegħa Kuljum.**
"Casa Felice"
Triq l-Indipendenza,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ
SERVIZZ TAL-KOR U ORGANISTA
BLA ĦLAS
PREZZIJIET MODERATI
Tel: 2146 6599 *Mob*: 9945 6733

**D'Amato Fine Tunes**
Piano Tuning, Servicing, Restoration; Supply & Rental
e-mail: finetune@maltanet.net
Express Building, Mdina Road, Żebbuġ, ŻBĠ 9018, Malta.Tel: 2146 5334 – 2168 3689
Mob: 9945 8270 – 9949 5828
Now also a subsidiary outlet of Knight Music offering sales of Keyboards, Guitars, Drums, Violins, other Instruments & accessories.

**MALITA TRAVEL**

21466018/27466018
ST. PHILIP BUILDING,
Triq Sciortino (FIL-PJAZZA),
Ħaż-Żebbuġ.

*ikompli minn paġna 2*

l-bnedmin. Isir dejjem iżjed perfett u Alla jsib l-għaxqa tiegħU fih. Għax il-bnedmin kif suppost għandhom ikunu, issibhom persuni li jħobbu, ġentili u umli, lesti li jaqdu anki jekk din tiswielhom it-tbatija. Min hu egoist, ikun qiegħed jinbidel fi bniedem ta' min jibża' minnu u jaħarbu.

Imbagħad il-fidi f'Ġesù tagħmilna wlied Alla (Ġw. 1, 12). Lil Alla l-Missier inkunu pprivileġġjati li nsejħulU "Abba, missier". U Huwa jżommna bħala wliedU tassew. "Ara liema mħabba tana l-Missier li nissejħu wlied Alla; u aħna tassew" (1 Ġw. 3, 1). U la aħna wliedU, aħna wkoll werrieta. Bilfors. San Pawl jgħallimna li "jekk aħna wlied, aħna werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu" (Rum. 8, 17). U jekk aħna werrieta, x'ser nirtu?... Ser nirtu lil Alla u l-Glorja tiegħU!

**Meta, mitt sena ilu, San Ġorġ Preca ta bidu għall-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żebbuġ, kellu f'moħħu li jwasslilhom dan it-tagħlim tal-ħajja. Imbierek min mexa fuqu!**

# Diġà 100 Sena Għomor għall-MUSEUM f'Ħaż-Żebbuġ!

**- Tagħrif mis-Soċju JOE AXIAQ**

Biex tingħad sew il-ġrajja tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (il-M.U.S.E.U.M.) fil-Parroċċa tagħna, inkunu neħtieġu ktieb sħiħ kbir! Fi kliem ieħor, kif kien għamel is-Superjur Francesco (Ċikku) Camilleri, fl-1971, meta, allura l-MUSEUM f'Ħaż-Żebbuġ kien laħaq l-għomor ta' 60 sena – fiż-żewġ kotba: "STORJA TAL-QASAM X, ĦAŻ-ŻEBBUĠ, VOL. I u VOL. II"



*Il-faċċata tad-Dar tal-Qasam tal-MUSEUM tas-Subien, fi Triq De Rohan, Ħaż-Żebbuġ*

Għalhekk, f'dan l-ispazju ristrett li, l-Parroċċa setgħet, b'ġentilezza u kooperazzjoni sħiħa, toffrilna f'dal-fuljett parrokkjali, se nressqu biss, f'għamla ta' puntini u f'ordni kronoloġika, id-dati tal-waqtiet importanti li sawru ġrajjet u mixjet il-100 sena tas-Soċjetà, f'Raħalna.

- Il-Qaddis Dun Ġorġ Preca beda jiftaħ l-ewwel Djar tad-Duttrina, fl-1907, fil-Ħamrun.
- Daqs tliet snin wara, sewwasew fit-tielet Ħadd ta' Lulju 1910, iż-żewġ żgħażagħ Żebbuġin Pawlu Borg u Ġużeppi Borg, fi triqithom lura mill-Festa ta' San Ġużepp tal-Imsida, intlaqtu mill-kant ħiereġ mill-Museum ta' "tas-Samra", il-Ħamrun, u daħlu jaraw x'kien. Is-soċju Ġużeppi Calleja fissrilhom kollox u ħajjarhom jiftħu fergħa f'Ħaż-Żebbuġ. Lura f'Ħaż-Żebbuġ, huma kellmu lill-għalliem Antonio Debono. Wegħedhom li jgħin f'din il-missjoni.
- F'Settembru 1910, iż-żagħżugħ Pawlu Borg laqqa' lil Antonio Debono ma' tliet soċji mużewmini mill-Ħamrun, u dawn komplew fissrulu sew l-għanijiet tas-Soċjetà.
- Fil-25 ta' Jannar 1911, Pawlu Borg laqqa' lil Antonio Debono, f'Ħaż-Żebbuġ stess, ma' Dun Ġorġ Preca.

*ikompli f'paġna 4*




JOHN SPITERI
(TAX-XEMA')

SERVIZZ TAL-FUNERALI
(24 SIEGĦA KULJUM).

155, TRIQ L-ISQOF CARUANA,
ĦAŻ-ŻEBBUĠ.
BISWIT IL-KUNSILL LOKALI

IL-KANT BLA ĦLAS

TEL: 21464286.
MOB.: 79464286.

**PILATES / AEROBICS / PERSONAL TRAINING**
***Qualified Health & Fitness Instructor***

- **Lose weight & stay healthy**
- **Relieve tension & stress**
- **Body toning & flexibility**
- **Strengthen spine & core muscles**
- **Strengthen abdominals**
- **Improve posture & stability**
- **Build up your stamina**
- **Low & high impact Aerobics**
- **Increase muscle strength**
- **Increase metabolic rate**
- **Relaxation & stretching**

**Look Good...**
**Feel Good...**
**Marika**
**7990 8990**



***Morning and Evening (1 hour) classes available***

**The classes are held in a fully air conditioned studio with full length wall mirrors at St. Dorothy's Sports Complex, Mdina Road, Zebbug**

LARGE PARKING SPACE AVAILABLE

***HELP YOUR BODY LOOK BETTER & WORK BETTER***

***Fundamental, Fitness, Gymnastics activities & Games for KIDS also available – STARTING SOON***

*ikompli minn paġna 3*

- Il-Ħadd, 2 ta' Frar 1911, saret l-ewwel laqgħa tal-Museum f'Ħaż-Żebbug, bil-preżenza ta' Dun Ġorġ Preca nnifsu, f'dar mikrija, fi Triq l-Isqof Caruana (dak iż-żmien, Triq il-Ġdida). Antonio Debono nħatar bħala l-ewwel Superjur tal-Museum ta' Ħaż-Żebbuġ.
- Fit-30 ta' Novembru 1911, il-Qasam tal-Museum ta' Ħaż-Żebbuġ ġarr għal post akbar, f'nru. 26 Triq Sant' Antnin (dak iż-żmien, Triq il-Pjazzetta).
- Fl-1918, is-Superjur Debono u soċji oħrajn fetħu l-Fergħa tas-Soċji Interni, f'Ħaż-Żebbuġ, wisq għal qalb Dun Ġorġ.
- Fl-1946, inxtrat id-dar, fi Triq De Rohan, fejn il-Museum tas-Subien għadu sal-lum.

Mhux wisq żmien wara l-ftuħ tal-Qasam tas-Subien, u sewwasew fl-1917, ingħata bidu wkoll għall-Qasam tal-Bniet, f'Ħaż-Żebbuġ.

- Il-laqgħat bdew isiru f'dar privata, għand is-soċja Elena Debono, f'nru. 17, Triq l-Isqof Caruana. Wara, krew u marru fid-dar nru. 61, Triq Mamo; u, minn hemm, għal nru. 78, Triq id-Dejqa. Fi żmien l-Arċipriet Milanesi, telqu minn Triq id-Dejqa u marru f'nru. 49, Triq il-Kbira. Imma, minħabba f'xi diffikultajiet, ċerti laqgħat kienu jsiru fid-dar tas-soċja Karmena Camilleri, fi Triq Paris.
- Meta spiċċat il-gwerra, il-Qasam tal-Bniet mar fi Triq Sant' Antnin; imbagħad mexa minn dar għal oħra, sa ma sab postu stabbli, f'Nru. 5, Triq il-Knisja (mogħti b'legat mis-soċju Filippu Abela).
- Fl-2005, il-Museum tal-Bniet wiret ukoll (mingħand ix-xebbiet Maria u Sapienza Grech) id-dar li tmiss magħha; it-tniffid (l-estensjoni) ma' din id-dar tlesta u kien inawgurat fit-2 ta' Ġunju 2010.

## Żjajjar lill-Familji

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn, 17 ta' Jannar:** | Triq Tumas Dingli. |
| **It-Tlieta, 18 ta' Jannar:** | Triq it-Twila; Triq Achille Ferris; u Trejqet il-Paċi. |
| **L-Erbgħa, 19 ta' Jannar:** | Misraħ Muxi. |
| **It-Tnejn, 31 ta Jannar:** | Triq il-Qolla. |
| **It-Tlieta, 1 ta' Frar:** | Triq il-Qamħ; Triq ix-Xgħir. |
| **It-Erbgħa, 2 ta' Frar:** | Triq Santa Marija; Triq Batu. |
| **It-Tnejn, 7 ta' Frar:** | Triq l-Iskalora; Triq l-Insiġ; u Triq il-Kosbor. |
| **It-Tlieta, 8 ta' Frar:** | Triq San Martin. |
| **L-Erbgħa, 9 ta' Frar:** | Triq Adeodato Gatt. |


**TWANNY SPITERI**
**FUNERALI**
4, "Shalom", Triq il-Watar,
Ħal Mula,
Ħaż-Żebbuġ.




**Karozza (*hearse*) BLA ĦLAS**
**24 hours services**
**DAY & NIGHT**
Tel: 21460950
Office: 21465122 - 21472219
Mob: 99471168


**"Sinjur ALLA, jien għandi bżonnoK għal kollox!"**
**San Ġorġ Preca**


**BC ELECTRICS Co. Ltd.**

**ELECTRICAL & PLUMBING WORKS, IT COMPUTER CABLING**

**Bernard Gatt**

**Angelo Melilli Street, Żebbuġ ZBG 06, Malta**

**Tel/Fax: 2146 2009, Mob: 7949 0392**

**email: bcelec@waldonet.net.mt**

**TOYOTA**
THE QUALITY EXPERIENCE